**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 30 TA' LULJU, 2001**

*Avviz. Nru 358/01 AJD*

OK Limited

vs

Carol Barthet

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Mejju, 2001, fejn gie premess li l-konvenuta xtrat xi merkanzija minghand is-socjeta' attrici u bdiet taghmel xi pagamenti akkont, pero' illum ghad fadal thallas il-bilanc ta' mija u tnejn u tletin liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm132.62). Nonostante interpellata sabiex taghmel il-hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnejn u tletin liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm132.62).
Bl-ispejjez u bl-imghax legali b'effett mid-data tal-prezentata tal-Avviz odjern sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenuta dehret fis-seduta tas-27 ta' Lulju, 2001, u ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija y tnejn u tletin liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm132.62), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu mill-konvenuta skond il-ligi.

AV. AUDREY J.DEMCOLI
GUDIKATUR